# Tiberija

Tiberija tal-prezent hija lokalita' mimlija ristoranti tal-hut u lukandi billi hija bazi popolari ghall-pellegrini Kristjani li jesploraw il-Galilija li Gesu' kien jaf.

Tiberija kienet belt ġdida meta Ġesù beda' l-ministeru pubbliku tiegħu. Erodi Antipas , iben Erodi l-Kbir , waqqfaha madwar l-20 AD biex jissostitwixxi lil Sepphoris bħala l-kapitali tiegħu. Antipas, li kien qatel lil Giovann il-Battista billi qatghalhu rasu ghazel dan is-sit billi kien hemm 17 il-ghajn li minnhom kien johrog ilma shun,  maghrufa sa mill-eqdem zminijiet, ghall-kwalitajiet li kellhom biex ifejqu. Huwa semma din il-belt f'gieh il-habib tieghu Tiberju Cesare.

Billi l-belt imbniet fuq post fejn kien isir id-dfin fil-qedem, il-Lhud osservanti rrifjutaw li jghixu hemmhekk. Biex jippopola l-belt Antipas offra pakketti finanzjarji u anke ried li dawk li ma kienux lhud setghu jmorru joqghodu hemm.

Jidher li Gesu' qatt ma zar lil Tiberija ghalkemm qatta' hafna mill-ministeru tieghu fuq u madwar il-bahar ta' l-istess belt.

Madwar is-sena 150, is-Sanedrin gie trasferit minn Sepphoris ghal-Tiberiade.  Tant kibret l-importanza ta' din il-belt li nbnew 13 il-sinagoga biex jaqdu l-htigijiet spiritwali tal-lhud li kienu jabitaw fil-belt.

Il-purifikazzjoni tal-belt sehhet f'nofs it-tieni seklu wara Kristu. U z-zmien kien opportun. It-tieni ribelljoni Lhudija falliet u r-

Rumani irrispondew billi ma hallewx il-Lhud gewwa Geruslaem.

Il-Lhud marru Tiberija li saret centru ta’ kultura. Kommunita kristjana giet imwaqqfa fir- 4 seklu meta Tiberias saret centru ta’ pellegrinaggi ghal insara li riedu jzuru ir-regjun tal-Galilea.

Il-Krucjati aktar tard hatfu taht idejhom lill-belt u waqqfuha bhala l-kapitali tal-Galilea, imma Saladin rebahha ghal-Imperu Musulman fis-sena 1187. Il-belt marret lura imma hadet spinta ‘l quddiem bis-sahha tat-Torok Ottomani. Tiberias gie zviluppata fuq zmien ta’ 100 sena imma inqerdet fis-sena 1837 minhabba terremot. Imbniet mill-gdid u l-lum hija dar ghal madwar 30,000 persuna.

Wiehed mill-ftit bini antik li fadal gewwa Tiberias hija l-Knisja ta’ San Pietru, li hija knisja Kattolika. Hija msemmija ghal San Pietru biex jitfakkar il-mument ta’ meta Gesu’ ta il-primat lil dan l-appostlu. Din il-Knisja giet imwaqqfa mill-Krucjati fit-12 il-seklu imma saret moskea meta l-Musulmani rebhu lil Tiberias fis-sena 1187. Maz- zmien il-knisja waqghet f’idejn il-Frangiskani li hadu hsiebha u rrenovawha mill-gdid fis-sena 1870.